



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Baġits*

**2010/2241(BUD)**

12.11.2010

# EMENDI

## 1 - 2

**Abbozz ta' rapport**  
**Barbara Matera**  
(PE450.929v01-00)

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod.  
(COM(2010)0568 – C7-0332/2010 – 2010/2241(BUD))

AM\_Com\_NonLegReport

**Emenda 1**  
**Alexander Alvaro, Carl Haglund**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 4**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

4. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandu jiġi ffinanzjat mill-FEAG tinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-komplementarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-istedina tiegħu li tiġi ppreżentata valutazzjoni komparattiva ta' din id-dejta anki fir-rapporti annwali tiegħu;

*Emenda*

4. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandu jiġi ffinanzjat mill-FEAG tinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-komplementarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-istedina tiegħu li tiġi ppreżentata valutazzjoni komparattiva ta' din id-dejta anki fir-rapporti annwali tiegħu, ***inkluża valutazzjoni tal-effetti li dawn is-servizzi temporanji u personalizzati se jkollhom fuq l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol fit-tul tal-ħaddiema sensjati;***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*The European Parliament should obtain sufficient data and analysis on whether any workers who received alternative training with the help of the EGF also managed to get permanent employment, as the EP should not be contributing to short-term contracts without long-term employment prospects. Il-Parlament Ewropew għandu jikseb dejta suffiċjenti dwar jekk xi haddiema li rċevew taħriġ alternattiv bl-għajjnuna tal-FEAG irnexxilhomx ukoll isibu impjieg permaneneti, peress li l-PE ma għandux jikkontribwixxi għal kuntratti ta' perjodu ta' żmien qasir mingħajr prospetti ta' impjieg fit-tul.*

**Emenda 2**  
**Alexander Alvaro, Carl Haglund**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 4 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***4a. Jinnota li l-komplementaritajiet bejn il-FEAG u fondi strutturali oħra juru wkoll li la l-Kummissjoni u lanqas l-Istati Membri li talbu l-għajjnuna ma għamlu***

***użu suffiċjenti tal-fondi l-oħra disponibbli  
bħall-FES jew il-fondi strutturali u ta'  
koeżjoni qabel ma ressu l-applikazzjoni  
tagħhom;***

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-Parlament Ewropew bħala id waħda tal-awtorità baġitarja għandu jissorvelja l-użu u l-  
implementazzjoni tajbin tal-possibilitajiet ta' finanzjament eżistenti kollha għall-Istati Membri.  
Din il-ħtieġa hija enfasizzata b'mod partikolari mill-fatt li minkejja li l-FEAG jista' jipprovdi  
biss sostenn ta' darba, xorta waħda jintuża b'mod estensiv għall-finanzjament ta' ħtiġijiet li  
jistgħu jkunu koperti b'soluzzjonijiet aktar permanenti permezz ta' sorsi oħra. Dan jindika li  
l-FEAG jintuża bħala soluzzjoni ta' "niddubbaw ta' malajr" minflok ma jintużaw proċeduri  
jtwal marbutin mall-fondi strutturali u ta' koeżjoni, kif ukoll il-programmi dwar l-educazzjoni  
bħal Tagħlim tul il-Ħajja u programmi oħra.*